## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. ORAZIO AZZOPARDI (KI. 498651M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

"***BILLI inti akkużat/a*** *talli fl-01/01/2022 għall-ħaba ta' 01:15 hrs ġewwa Triq Għajn Hal Qormi, Luqa, waqt li kont qed tagħmel użu minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SON 003:*

1. *"Soqt jew ippruvajt issuq, jew kellek vettur bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma' kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi* ***Sec. 15A(1), Chap. 65***
2. *Soqt jew prruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mill-limitu preskritt* ***Sec. 15B(1), Chap. 65"***

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 2392 Martina Grech (affidavit).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavit ta' PC 2392 Martina Grech, stazzjonata Raħal Ġdid, illi fl-1 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 01:48 hrs, l-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid rċevew telefonata b'talba għall-assistenza mill-uffiċjali tal-komunita' (LESA) li kienu waqqfu persuna fejn ir-*roundabout* tal-Express Trailers, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa. Meta l-Pulizija rrikorriet fuq il-post, l-uffiċjal tal-komunita' REO 31 Stephen Cassar avviċina lill-Pulizija u għaddielom rċevuta ta' test tal-*breathalyser* li kien għadu kemm ġie amministrat lill-imputat. L-istess REO 31 Cassar infurma lill-Pulizija li l-imputat twaqqaf ftit ħin qabel u li qabel ma' ġie amministrat lilu t-*test* huwa ġie mgħarraf bid-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu fejn pero' dan rrinunzja mili jeżerċita dan id-dritt. It-test sar fis-1:42 hrs mill-uffiċjal CO 823 Victor Spiteri fejn rriżulta li kien 28.1 ug/ml. CO 823 Spiteri infurma lill-Pulizija illi REO 31 Cassar kien waqqaf il-vettura u nnota li l-imputat ma' kienx qed jaġixxi b'mod normali u kien għalhekk li talab lil CO 823 sabiex jamministra t-test tal-*breathalyser* lill-imputat.

Fl-atti proċesswali ġiet esebita ic-*chit* tat-test tal-*breathalyser* li juri li l-livell tal-alcohol fin-nifs kien dak ta' 28.1 ug/100 ml.

**Kunsiderazzjonijiet**

Qabel xejn l-abbli avukat difensur issottomettiet fit-trattazjoni tagħha illi l-uffiċjali tal-komunita' mhumiex awtorizzati skond il-liġi illi jamministraw it-*test* tal-*breathalyser* lis-sewwieqa li jwaqqfu. Il-Qorti ma' taqbilx u dan għaliex l-Art. 15GA (1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta speċifikament jagħti l-poter lill-uffiċjali tal-komunita' li jamministraw dan it-*test* huma stess fl-istess ċirkustanzi fejn uffiċjali tal-Pulizija għandhom il-poter li jamministrawh ai termini tal-Art. 15C tal-istess Kap. 65. Għalhekk il-Qorti ma' tirriskontra l-ebda nuqqas fil-fatt illi t-*test* tal-*breathalyser* f'dan il-każ ġie amministrat minn uffiċjal tal-komunita'.

Il-Qorti pero' tqis illi f'din il-kawża l-provi li għandha jikkonsistu f'dak li PC 2392 Martina Grech tgħid li ntqal lilha mill-uffiċjali tal-komunita' REO 31 Stephen Cassar u CO 823 Victor Spiteri. Ġaladarba dawn ma' ttellgħux biex jixhdu u anke peress illi t-*test* allegatament sar minn CO 823 Victor Spiteri, dak li tgħid PC 2392 jikkonsitwixxi biss fil-*detto del detto* u għalhekk m'huwiex prova ammissibbli skond il-liġi.

Inoltre l-Qorti tara li anke li kieku ttellgħu jixhdu REO 31 Stephen Cassar u CO 823 Victor Spiteri u kkonfermaw dak li rrappurtaw lil PC 2392 Martina Grech, xorta jirriżulta illi l-istess

uffiċjali naqsu milli jirreġistraw **bil-miktub** ir-rinunzja tal-imputat għall-assistenza legali (fil-presenza ta’ żewġ xhiedha) ai termini tal-Art. 355 AUA(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta (li japplika ukoll għal min hu suspettat li wettaq reat kriminali u ma’ jkunx għadu arrestat). Għalhekk billi l-allegat rinunzja tal-imputat ma’ tistax titqies li kienet waħda valida, ma’ jistax jingħad li l-imputat ngħatalu d-dritt għal tali assistenza skond il-liġi **qabel** ma’ ġie amministrat lilu t-*test* tal-*breathalyser*. Dan ifisser illi t-*test* kollu inkluż ir-riżultat tiegħu ma’ jistax jitqies bħal prova ammissibbli minn din il-Qorti u għalhekk it-tieni imputazzjoni ma’ tirriżultax.

L-ewwel imputazzjoni ukoll ma’ tirriżultax fil-mankanza assoluta ta’ xi provi dwar il-kundizzjoni li allegatament kien fiha l-imputat li kienet tagħmlu mhux tajjeb biex isuq minħabba x-xorb.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |